**18 ta' Marzu, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Stephen Borg Cardona B.A. LL.D.**

Marie Therese *sive* Martha Gregory *nee* Inglott, legalment separata minn Francis Gregory

*versus*

Francis Gregory

## Żwieġ – Nullità ta'

*Ġiet milqugħa l-istanza għal dikjarazzjoni ta' nullità ta' żwieġ. Riportata bħala eżemplifikazzjoni tal-prassi tal-Qorti fil-materja.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; Premess illi fil-25 ta' Ġunju, 1977 l-attriċi żżewwġet lill-konvenut fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan (Dokument A hemm anness); Premess illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat minħabba l-esklusjoni ta' element essenzjali għall-ħajja matrimonjali u minħabba difett serju tal-ġudizzju tal-konvenut fuq id-drittijiet u doveri tal-ħajja matrimonjali u minn anomalija psikoloġika serja li tirrendi impossibbli għalih li jadempixxi l-obbligi essenzjali taż-żwieġ skond kif jipprovdi l-artikolu 19 sub-artikolu (d)(f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 (kif emendat); Premess illi per konsegwenza l-imsemmi żwieġ hu null u bla effett tant li l-attriċi bdiet anke proċeduri għall-istess skop quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku; Talbet li jiġi ddikjarat u deċiż illi ż-żwieġ ikkontrattat bejn il-kontendenti fil-25 ta' Ġunju, 1977 fuq imsemmi huwa null u bla ebda effett għar-raġunijiet fuq premessi; Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi u n-nota tax-xhieda tagħha u d-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn qal li (1) fil-waqt li jaqbel ma' l-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni ta' l-attriċi, ma jaqbilx assolutament mat-tieni wieħed billi huwa kien jaf perfettament id-doveri u d-drittijiet tiegħu fil-ħajja konjugali u li huwa qeda l-obbligi essenzjali taż-żwieġ u li l-kunsens tiegħu ma kienx bl-ebda mod ivvizzjat; (2) Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat li l-konvenut *'per via'* ta' rikonvenzjoni, iċċita lill-attriċi, billi (1) peress illi l-kontendenti kienu kkontrattaw żwieġ fil-25 ta' Ġunju, 1977 u l-kunsens tal-mara kien ivvizzjat minħabba l-esklużjoni ta' element essenzjali għall-ħajja matrimonjali u minħabba difett serju tal-Ġudizzju tagħha fuq id-drittijiet u doveri tal-ħajja matrimonjali u minn anomalija psikoloġika serja li tirrendi impossibbli għaliha li tadempixxi l-obbligi essenzjali taż-żwieġ skond kif jipprovdi l-artikolu 19 ta' l-Att XXXVII ta' l-1975;

(2) Peress illi għalhekk iż-żwieġ hu null u bla ebda effett;

Talab li din il-Qorti tiddikjara u tiddeċidi illi ż-żwieġ fuq imsemmi huwa null u bla effett għar-raġunijiet fuq imsemmija minnu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attriċi għar-rikonvenzjoni tal-konvenut fejn qalet li ż-żwieġ ta' bejniethom huwa null u bla effett, però għal raġunijiet imputabbli lill-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda tagħha;

Rat il-verbal tad-9 ta' Mejju, 1986 fejn id-difensur tal-kontendenti informaw lill-Qorti li ż-żwieġ ġie ddikjarat null mill-awtoritajiet Ekkleżjastiċi;

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Marzu, 1987, fejn id-difensur ta' l-attriċi rtira l-parti tal-kawżali relattiva għall-anomalija psikika, billi jitħassru l-kliem fiċ-ċitazzjoni "min anomalija serja" fil-waqt li d-difensur tal-konvenut aċċetta dan u rtira l-eċċezzjoni tiegħu u ammetta t-talba attriċi u dan b'deferenza għas-sentenza tat-Tribunal Metropolitan tad-Djoċesi ta' Malta, kif ikkonfermata fis-Sekond'Istanza bis-sentenza tas-7 ta' Ottubru 1986, però ppropona li l-ispejjeż jiġu ssopportati ugwalment bejn il-partijiet;

Rat li dan ġie aċċettat mill-attriċi, preżenti fl-awla fis-seduta ta' l-4 ta' Marzu, 1987;

Għaldaqstant *in vista* ta' l-imsemmija ammissjoni, taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara illi ż-żwieġ ikkontrattat bejn il-kontendenti fil-25 ta' Ġunju, 1977 huwa null u bla effett;

L-ispejjeż jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.